Dan ir-rumanz inkiteb ħafna minnu fix-xelters bil-lejl billi kważi kull ħin kelli x'nagħmel billi dak iż-żmien kont Medical Officer of Health u kelli n-naħat tal-Port il-Kbir lejn in-Nofsinhar sa Birżebbuġa. U fost l-agħjat u storbju u bid-dawl tax-xemgħa kont niktbu.

L-uniku ħjiel tal-gwerra tidher fil-ħafna episodji tal-gwerra li rajt b'għajnejja u ġbidthom fin-novelli li mbagħad ħarġu fil-ktieb **Ġrajja tal-Gwerra.** Dak iż-żmien kien hawn skarsezza kbira tal-karta u **Il-Malti** biss kien joħroġ. Ġieli r-''rough'' ktibtu fuq formoli, u fuq kull karta li stajt inħażżeż fuqha.

Imbagħad ktibt dramm **'nkwiet fil-Familja** li kien speċi ta' kapriċċ u għidt la ktibt rumanzi, novelli u poeżiji nista' nikteb xi ħaġa għall-palk Malti.

Wara dan waqaft nikteb għal xi żmien minħabba x-xogħol li kelli ta' C.G.M.O.

Kif spiċċat il-gwerra ktibt **Meta Nħaraq it-Teatru.** L-idea biex nikteb dan ir-rumanz kienet li niddeskrivi l-ħajja ta' Malta, kif bdew il-partiti politiċi f'Malta, meta nħolqu l-partiti favur il-Borboni u favur Garibaldi u wieħed jista' jgħid li hekk beda l-Partit Nazzjonalista f'Malta. Il-mottiv li ktibt dan ir-rumanz kien biex nuri l-ħajja ta' dak iż-żmien, il-ħajja soċjali l-aktar f'dak iż-żmien li n-nies kienet medhija fit-teatru u fuq l-aqwa artisti u prima donna.

Imbagħad bdejt naħdem fuq ir-rumanz **Id-Dinja Rota**... Il-mottiv ewlieni li ġagħalni niktbu ma kienx li nuri lill-Maltin bħala nies foqra, ma jafux iġibu ruħhom mal-barrani, nies baxxi, bdiewa, nies injoranti u sfruttati mill-barranin li hija l-karatteristika tal-karattri Maltin fir-rumanzi Maltin. Iżda l-għan ewlieni tiegħi kien l-oppost ta' dan u ridt nuri l-karattri Maltin bħala nies evoluti, ta' kultura, ''in contact'' ma' l-aqwa nies ta' l-Ewropa bħal Napuljun, ir-Reġina ta' Napli, ministri kbar u oħrajn.

Bħalissa qed inħejji ''a set of essays'' li jpinġu l-ħajja Maltija moderna u dawn l-''essays'' se jkunu aktar ta' kritika għall-ħajja moderna. Ir-rumanz il-ġdid, li wasalt qisu terz minnu, nittama li nagħtih skoss tajjeb fix-xitwa u se jkun stil ''factual'', realistiku u psikoloġiku għalkemm mhux ħafna għax ma rridx inħabbel moħħ il-qarrej...

Jien l-iskop tiegħi hu dejjem il-qarrej, biex dan jinteressa ruħu u jinsa l-inkwiet tal-ħajja. Nikteb biex inserraħ lill-qarrej, għax dan li jkun irid wara li jiġi mix-xogħol u mhux itaqqal moħħu b'ħafna nsibijiet iżda jinsa xogħlu u jgħaddi siegħa żmien fil-kwiet. Ma rridx nidħak bil-qarrej. Rari ssib nies li jaqrawlek rumanz biex jitgħallmu, għalhekk irrid nikteb ''straight forward reading'' u mhux intaqqal ħsieb il-qarrej b'ħafna filosofija u psikoloġija, għax jekk il-qarrej jinteressawh il-filosofija u l-psikoloġija hawn kotba oħra x'taqra, u mhux rumanzi. Dan ma jtellifx il-valur letterarju tar-rumanz''.



## LILL-KAV ĠUŻE' GALEA

Togħġobni, nħobbok: għaliex int għalija
alla tal-għaqal mibgħut fl-art mill-Ġid.
Hemm bejn l-Għaqal u l-Ġid demm ta' qrubija:
Dawn minn dejjem imxew flimkien, id f'id.

Inti wieħed mill-ftit, wieħed fil-mija:
fik tal-**bhima** żammejt ir-**raġel** sid;
fik m'għajjeb qatt il-għerf tat-tjieba d-dija;
fik hemm ħlewwa li tħoll qlub tal-ħadid.

B'duwet il-ġisem sfajt tabib tas-saħħa;
b'duwet il-għerf tabib tal-moħħ u l-qalb:
kittieb ta' Malta wil-ġrajjiet kbar tagħha.

Kliemek sieket meqjus u ħsiebek għoli
jixhdu qawwet il-qima umli tat-talb;
jixhdu għerfek ''San Ġwann'', ''Żmien l-Ispanjoli''.

Għajn Żnuber
14.III.44

K. VASSALLO